Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1859/82**

tat-12 ta' Lulju 1982

rigward il-għażla ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet sabiex jiġi determinat id-dħul tal-oqsma agrikoli

(ĠU L 205, 13.7.1982, p. 5)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Commission Regulation (EEC) No 13/84 of 4 January 1984 (*)	L 3	11	5.1.1984
►M2	Commission Regulation (EEC) No 1561/84 of 5 June 1984 (*)	L 150	12	6.6.1984
►M3	Commission Regulation (EEC) No 3368/84 of 30 November 1984 (*)	L 313	40	1.12.1984
►M4	Commission Regulation (EEC) No 3122/85 of 6 November 1985 (*)	L 297	12	9.11.1985
►M5	Commission Regulation (EEC) No 3548/85 of 16 December 1985 (*)	L 338	16	17.12.1985
►M6	Commission Regulation (EEC) No 1753/87 of 24 June 1987 (*)	L 166	10	25.6.1987
►M7	Commission Regulation (EEC) No 3665/90 of 18 December 1990 (*)	L 356	15	19.12.1990
►M8	Commission Regulation (EEC) No 3549/92 of 9 December 1992 (*)	L 361	17	10.12.1992
►M9	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1381/96 tas-17 ta' Lulju 1996	L 179	6	18.7.1996
►M10	Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 60/97 tas-16 ta' Jannar 1997	L 14	28	17.1.1997
►M11	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 285/2000 ta' l-4 ta'Frar 2000	L 31	79	5.2.2000
►M12	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1555/2001 tat-30 ta' Lulju 2001	L 205	21	31.7.2001
►M13	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/2004 tas-7 ta' April 2004	L 104	95	8.4.2004
►M14	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 730/2004 tad-19 ta' April 2004	L 113	8	20.4.2004
►M15	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2203/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004	L 306M	60	15.11.2008
►M16	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2005 tat-22 ta' Lulju 2005	L 330M	213	9.12.2008
►M17	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1860/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006	L 312M	207	22.11.2008
►M18	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2007 tas-6 ta' Lulju 2007	L 179	3	7.7.2007
►M19	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1470/2007 tat-13 ta' Diċembru 2007	L 329	7	14.12.2007
►M20	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1265/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008	L 338	32	17.12.2008

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1859/82

tat-12 ta' Lulju 1982

rigward il-għażla ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet sabiex jiġi determinat id-dħul tal-oqsma agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 li jistabbilixxi qafas għal ġbir ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tad-dħul u l-operat tan-negozju u tal-oqsma agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2143/81 ([2]), u partikolarment Artikoli 4(4), 5 (5) u 6 (2) tiegħu,

Billi l-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandhom ikunu magħżula b'mod uniformi f'kull diviżjoni u billi għal dan il-għan regoli dettaljati għandhom jitħejjew ħalli jkunu implimentati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 79/65/KEE;

Billi wara l-aħħar emendi għar-Regolament Nru 79/65/KEE u l-esperjenza akkwistata sa mill-1965 ir-regoli dettaljati għall-għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandhom ikunu kompletament riveduti; billi, minħabba f'hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 91/66/KEE ([3]), għandu jkun imħassar u mibdul b'Regolament ġdid;

Billi l-oqsma li għandhom ikunu studjati b'konnessjoni man-*network* ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tal-irziezet jidholu fl-iskop tal-istħarriġ strutturali u ta' ċensimenti tal-Komunità jew dak nazzjonali fl-oqsma agrikoli;

Billi l-informazzjoni disponibbli bl-iskop li jitħejjew pjani għal għażla għal "1982" u snin ta' kontijiet sussegwenti u li d-differenza fil-qagħda agrikola bejn l-Istati Membri differenti teħtieġ li l-limiti tad-daqs ekonomiku li jvarja skond l-Istat Membru, u anki f'ċerti każi b'diviżjoni, għandhom ikunu adottati għal dik is-sena;

Billi l-esperjenza turi li l-operat tan-*networks* ta' informazzjoni jkun iffaċilitat jekk in-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet magħżula f'kull diviżjoni jkun jitħalla jvarja f'ċerti limiti bil-kundizzjoni li jkun segwit in-numru totali ta' oqsma għal kull Stat Membru;

Billi l-pjan tal-għażla għandu jinkludi numru minimu ta' elementi ħalli jsaħħaħ il-validità tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mall-objettivi tan-*networks* ta' informazjoni dwar il-kontijiet tal-irziezet li jkunu se jiġu mistħarrġa;

Billi l-pjan tal-għażla għandu jitħejja qabel ma tkun bdiet is-sena korrispondenti tal-kontijiet sabiex tkun tista tkun approvata qabel ma tkun utilizzata għal għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet;

Billi r-rapport dwar l-implementazzjoni tal-pjan tal-għażla għal oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandu jkopri l-aspetti differenti tal-implementazzjoni tal-pjan bil-għan partikolarment li jkunu identifikati xi aġġustamenti li jistgħu jkunu meħtieġa għal snin tal-kontijiet sussegwenti u billi r-rapport għandu wkoll iqis li l-użu ta' ċerta informazzjoni mill-pjan bl-iskop li tiġi konsidrata fid-data tal-kontijiet;

Billi iżda l-miżuri kif provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Komunità dwar il-Network ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet tal-Irziezet,

([1]) ĠU Ċ 109, tat-23.6.1965, p. 1859/65.
([2]) ĠU L 210, tat-30.7.1981, p. 1.
([3]) ĠU Ċ 121, ta' l-4.7.1966, p. 2249/66.

▼B

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament "oqsma agrikoli" jfissru negozji tal-irziezet kif definiti fil-kuntest tal-istħarriġ u taċ-ċensimenti agrikoli fil-Komunità.

▼M20

Artikolu 2

Għas-sena finanzjarja 2008 (perjodu ta' 12-il xahar konsekuttivi li jibda bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-1 ta' Lulju 2008) u għas-snin finanzjarji sussegwenti, il-limitu kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament 79/65/KEE fl-ESU għandu jkun kif ġej:

— Il-Belġju: 16 ESU

— Il-Bulgarija: 1 ESU

— Ir-Repubblika Ċeka: 4 ESU

— Id-Danimarka: 8 ESU

— Il-Ġermanja: 16 ESU

— L-Estonja: 2 ESU

— L-Irlanda: 2 ESU

— Il-Greċja: 2 ESU

— Spanja: 4 ESU

— Franza: 8 ESU

— L-Italja: 4 ESU

— Ċipru: 2 ESU

— Il-Latvja: 2 ESU

— Il-Litwanja: 2 ESU

— Il-Lussemburgu: 8 ESU

— L-Ungerija: 2 ESU

— Malta: 8 ESU

— L-Olanda: 16 ESU

— L-Awstrija: 8 ESU

— Il-Polonja: 2 ESU

— Il-Portugall: 2 ESU

— Ir-Rumanija: 1 ESU

— Is-Slovenja: 2 ESU

— Is-Slovakkja: 8 ESU

— Il-Finlandja: 8 ESU

— L-Iżvezja: 8 ESU

— Ir-Renju Unit (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq): 16 ESU

— Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq biss) 8 ESU.

▼M15

Artikolu 3

L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għal kull Stat Membru kif ukoll għal kull diviżjoni huwa mniżżel fl-Anness I.

▼M15

L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet li għandhom jintgħażlu għal kull diviżjoni jista' jvarja minn dak imniżżel fl-Anness I sal-20 % f'kull direzzjoni sakemm l-għadd totali ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet tal-Istati Membri konċernati huwa rispettat.

▼B

Artikolu 4

Il-pjan għal għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet għandu jassigura ir-rappresentanza ġusta tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet bħala ħaġa waħda.

Għandu jinkludi:

(a) l-elementi li fuqhom ikun bażat, jiġifieri:

— partikolaritajiet tas-sorsi ta' riferenzi statistiċi,

— il-proċeduri għal stratifikar fl-oqsma tal-istħarriġ skond it-tipoloġija tal-oqsma tal-Komunità, li jieħdu akkont, fejn ikun il-każ, ta' kriterji nazzjonali addizjonali,

— il-proċeduri sabiex tkun determinate r-rata tal-għażla magħżula għal kull saff,

— il-proċeduri għal għażla tal-oqsma li jippreżentaw il-kontijiet,

— il-proċeduri għal possibiltà li aktar tard ikun aġġornat il-pjan tal-għażla,

— il-perijodu probabbli għall-validità tal-pjan tal-għażla;

(b) it-tqassim tal-oqsma fil-kamp tal-istħarriġ ikklassifikati skond it-tipologija tal-oqsma tal-Komunità (li mill-inqas jikkorispondu għat-tipi prinċipali) u għan-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-kontijiet li għandhom ikunu magħżula għall-kull saff adottat.

Artikolu 5

Il-pjan tal-għażla għandu jkun mgħoddi lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xaharejn qabel il-bidu ta' l-ewwel sena tal-kontijiet li tirrelata għaliha. ►M14 Ir-Repubblika Ceka, l-Estonja, Cipru, l-Latvja, l-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja għandhom jibgħatu lejn il-Kummissjoni l-pjan tagħhom ta' l-għażla għas-sena tal-kontijiet 2004, qabel it-30 ta' Novembru 2004. ◄

Il-proċeduri u l-limiti taż-żmien ħalli jkunu mgħarrfa l-aġġustamenti għall-pjan tal-għażla lill-Kummissjoni għandu jkun l-istess bħal dak meħtieġ biex jintbaghat il-pjan innifsu.

▼M18

Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-pjan ta' l-għażla tagħhom għas-sena tal-kontijiet 2007 qabel il-31 ta' Lulju 2007.

▼M13

———————

▼B

Artikolu 7

Ir-Regolament Nru 91/66/KEE huwa mħassar.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Għandu japplika b'effett mis-sena tal-kontijiet 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M14

L-ANNESS I

	Numru ta' referenza	L-isem tad-diviżjoni:	In-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-prospett
▼M15			
		IL-BELĠJU	
	341	Vlaanderen	720
	342	Bruxelles-Brussel	—
	343	Wallonie	480
		It-total tal-Belġju	1 200
▼M14			
	745	IR-REPUBLIKA CEKA	1 300
▼M15			
	370	ID-DANIMARKA	2 250
		IL-ĠERMANJA	
	010	Schleswig-Holstein	450
	020	Hamburg	50
	030	Niedersachsen	980
	040	Bremen	—
	050	Nordrhein-Westfalen	790
	060	Hessen	440
	070	Rheinland-Pfalz	600
	080	Baden-Württemberg	740
	090	Bayern	1 150
	100	Saarland	80
	110	Berlin	—
	112	Brandenburg	240
	113	Mecklenburg-Vorpommern	180
	114	Sachsen	280
	115	Sachsen-Anhalt	190
	116	Thüringen	190
		Total tal-Ġermanja	6 360
▼M14			
	755	L-ESTONJA	500
		IL-GREĊJA	
	450	Macedonja-Traci	2 000
	460	Il-Gżejjer Epirus-Peloponniżi-Joniani	1 350
	470	Thessaly	700
	480	Il-Greċja Kontinentali, l-Gżejjer ta' l-Eġew, Kreta	1 450
		Total għall-Greċja	5 500
▼M16			
		SPANJA	
	500	Galicia	480
	505	Asturias	270

▼**M16**

Numru ta' referenza	L-isem tad-diviżjoni:	In-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-prospett
510	Cantabria	190
515	País Vasco	250
520	Navarra	370
525	La Rioja	260
530	Aragón	739
535	Cataluña	710
540	Illes Balears	182
545	Castilla y León	1 095
550	Madrid	194
555	Castilla-La Mancha	1 138
560	Comunidad Valenciana	626
565	Murcia	444
570	Extremadura	718
575	Andalucia	1 816
580	Canarias	224
	Total għal Spanja	9 706

▼**M15**

	FRANZA	
121	Île-de-France	170
131	Champagne-Ardenne	400
132	Picardie	300
133	Haute.Normandie	160
134	Iċ-Ċentru	450
135	Basse-Normandie	220
136	Bourgogne	380
141	Nord-Pas-de-Calais	310
151	Lorraine	230
152	Alsace	180
153	Franche-Comté	230
162	Pays de la Loire	490
163	Bretagne	540
164	Poitou-Charentes	360
182	Aquitaine	500
183	Midi-Pyrénées	480
184	Limousin	200
192	Rhône-Alpes	450
193	Auvergne	360
201	Languedoc-Roussillon	400
203	Provence-Alpes-Côte d'Azur	360
204	Corse	150
	It-total ta' Franza	7 320

▼M14

Numru ta' referenza	L-isem tad-diviżjoni:	In-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-prospett
380	L-IRLANDA	1 300
▼M19		
	L-ITALJA	
221	Valle d'Aosta	197
222	Piemonte	619
230	Lombardia	710
241	Trentino	388
242	Alto Adige	405
243	Veneto	907
244	Friuli-Venezia Giulia	735
250	Liguria	508
260	Emilia-Romagna	1 166
270	Toscana	956
281	Marche	601
282	Umbria	498
291	Lazio	528
292	Abruzzo	504
301	Molise	354
302	Campania	478
303	Calabria	346
311	Puglia	453
312	Basilicata	450
320	Sicilia	470
330	Sardegna	413
	Total ta' l-Italja	11 686
▼M14		
740	IPRU	500
770	Il-LATVJA	1 000
775	Il-LITWANJA	1 000
▼M15		
350	IL-LUSSEMBURGU	360
▼M14		
	L-UNGERIJA	
760	Közép-Magyarország	160
761	Közép-Dunántúl	190
762	Nyugat-Dunántúl	230
763	Dél-Dunántúl	260
764	Észak-Magyarország	210
765	Észak-Alföld	380
766	Dél-Alföld	470
	Total għall-Ungerija	1 900

▼M14

	Numru ta' referenza	L-isem tad-diviżjoni:	In-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-prospett
▼M16	780	MALTA	400
▼M14	360	L-OLANDA	1 500
▼M16	660	L-AWSTRIJA	1 800
▼M19		IL-POLONJA	
	785	Pomorze u Mazury	1 870
	790	Wielkopolska u Śląsk	4 470
	795	Mazowsze u Podlasie	4 460
	800	Małopolska u Pogórze	1 300
		Total tal-Polonja	12 100
		IL-PORTUGALL	
	615	Norte e Centro	1 233
	630	Ribatejo e Oeste	351
	640	Alentejo e Algarve	399
	650	Açores e Madeira	317
		Total tal-Portugall	2 300
▼M14	820	SLOVENJA	900
▼M18	810	SLOVAKKJA	502
▼M16		IL-FINLANDJA	
	670	Etelä-Suomi	537
	680	Sisä-Suomi	237
	690	Pohjanmaa	229
	700	Pohjois-Suomi	147
		Total għall-Finlandja	1 150
▼M17		L-IŻVEZJA	
	710	Il-Pjanuri tan-Nofsinhar u ċ-Ċentru tal-Iżvezja	702
	720	Il-foresti u l-agrikoltura mħallta u ż-żoni tal-foresti tan-Nofsinhar u ċ-Ċentru tal-Iżvezja	217
	730	Iż-Żoni tat-Tramuntana tal-Iżvezja	106
		Total għall-Iżvezja	1 025
▼M14		IR-RENJU UNIT	
	411	L-Ingilterra – r-Reġjun tat-Tramuntana	420
	412	L-Ingilterra – r-Reġjun tal-Lvant	650

▼**M14**

Numru ta' referenza	L-isem tad-diviżjoni:	In-numru ta' oqsma li jippreżentaw il-prospett
413	L-Ingilterra – r-Reġjun tal-Punent	430
421	Wales	300
431	L-Iskożja	380
441	L-Irlanda ta' Fuq:	320
	Total għar-Renju Unit	2 500

▼**M18**

In-numru ta' referenza	Isem id-diviżjoni	L-għadd ta' ditti tal-kontabilità għas-sena tal-kontijiet		
		2007	2008	2009 'l quddiem
830	IL-BULGARIJA	2 000	2 000	2 000 (*)

(*) Għall-2009 u għas-snin sussegwenti tal-kontijiet, il-Bulgarija għandu jkollha sitt diviżjonijiet (l-Anness għar-Regolament 79/65/KEE) u dan in-numru ta' ditti tal-kontabilità, li jikkorrispondi mat-total għall-pajjiż, għandu jiġi allokat għal kull diviżjoni.

In-numru ta' referenza	Isem id-diviżjoni	L-għadd ta' ditti tal-kontabilità għas-sena tal-kontijiet			
		2007	2008	2009	2010 'l quddiem
840	IR-RUMANIJA	1 000	2 000	4 000	6 000 (*)

(*) Għall-2010 u għas-snin sussegwenti tal-kontijiet, ir-Rumanija għandu jkollha tmien diviżjonijiet (l-Anness għar-Regolament 79/65/KEE) u dan in-numru ta' ditti tal-kontabilità, li jikkorrispondi mat-total għall-pajjiż, għandu jiġi allokat għal kull diviżjoni.

▼**M13**